**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IT-30 TA' GUNJU, 2020**

**Kawża Numru: 8**

**Rik. Ġur. 732/2014 RGM**

**Raymond Zammit (K.I. 250659M) u**
**Silvana Zammit (K.I. 690061M)**

**vs.**

**Paul Caruana (K.I. 514246M) u**
**Martu Maria Caruana (K.I. 113448M)**
**għal kull interess li jista' jkollha**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Raymond Zammit u Silvana Zammit** ppreżentat fil-21 t'Awwissu, 2014 li permezz tiegħu ippremettew u talbu is-segwenti:

> Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond bl-isem "Zammit Farmhouse", Sqaq ta' Sejduna, Hal-Lija li huma akkwistaw biex jinnegozjaw. Dan il-fond jinsab adjacenti razzett bir-raba' mieghu okkupat mill-intimati.

Illi s-Sibt 20 ta' Awissu 2011 l-esponenti kienu waslu fi ftehim ma' certu Robert u Audrey Anne Cassone ghall-bejgh tal-istess fond hawn fuq imsemmi fi Sqaq ta' Sejduna, Hal-Lija versu l-prezz ta' seba' mitt elf Euro (€700,000) u sahansitra kienu ftehmu li jersqu ghall-konvenju t-Tnejn ta' wara, 22 ta' Awissu 2011.

Illi bejn l-20 u l-21 ta' Awissu 2011, l-esponent Raymond Zammit gie infurmat mis-sensala Joanne Camilleri li waqt li l-imsemmija Robert u Audrey Anne Cassone kienu regghu marru jaraw il-fond de quo, kkonfrontahom il-konvenut Paul Caruana li heddidhom li jisparalhom jekk kienu jixtru l-fond minghand l-esponenti.

Illi ghalhekk il-ftehim ta' bejn l-esponenti u l-imsemmija konjugi Cassone ghax-xiri tal-fond hawn fuq imsemmi thassar unikament bi htija tat-tfixkil doluz tal-konvenuti.

Illi b'rizultat tal-agir abbuziv u illegali tal-konvenuti, l-esponenti soffrew danni kbar, inkluz it-telf tal-bejgh u t-telf ta' imghaxijiet fuq il-somma miftehma.

Illi minkejja li l-intimati gew diversi drabi interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti inkluz b'ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2013, huma baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u ghal dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazjoni ta’ din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni li tirrrizulta mehtiega, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghat-thassir tan-negozju tal-bejgh tal-fond "Zammit Farmhouse", Sqaq ta' Sejduna, Hal-Lija, u ghad-danni kollha sofferti mill-esponenti kif hawn fuq inghad.

2. Tillikwida, okkorrendo bin-nomina ta' perit nominand, id-danni kollha sofferti mill-esponenti.

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluz dawn tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Awissu 2013, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-**Risposta ġuramentata ta' Paul Caruana u martu Maria Caruana** ppreżentata fit-13 t'Ottubru, 2014 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament din l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta u dan a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponenti ma kellu l-ebda hjiel u l-anqas interess dwar il-proprjeta` ta' l-atturi u n-negozju dwar l-istess ma terzi, aktar u aktar dwar xi ftehim jew konvenju bejn l-istess atturi u terzi jew ma xi sensala kif indikata Joanne Camilleri indikata fir-rikors guramentat ta' l-atturi;

3. Illi l-esponenti qatt ma kelmuh l-pulizija u zgur f'dawn l-ahhar sentejn u xaghrejn sallum minn mindu sar rapport mill-atturi f'Awwissu 2011 kif indikat fir-rikors, ukoll baghtu ghalih jew tawh x'jifhem li huwa kien rapportat dwar il-kontenut ta' l-istess rapport, u li minghajr pregudizzju qed jiddikjara li huwa u lanqas martu ma qatt heddew li xi hadd kif huwa indikat fir-rapport maghmul mill-istess atturi fir-rapport mhux investigat b'mod assoluttat-22 ta' Awwissu, 2011;

4. Illi l-istess kontenut tar-rapport tat-22 ta' Awwissu li sar mill-atturi huwa wiehed vagg u kwazi bla sens, tant li lanqas biss hemm indikazzjoni ta' l-identita` ta' min suppost huma l-allegati vittmi imma li l-atturi li jidhru li bbazaw r-rapport taghhom fuq messagg li suppost ircevew minghand sensala li ghakemm ma hiex l-anqas l-imsemmija b'isimha fir-rapport giet imsemmija f'dan ir-rikors guramentat u li mill-istess kontenut tar-rapport l-pulizija skartaw totalment u r-rapport ghal ragunijiet ovvji li ddubitaw l-

veritezza tal-istess rapport kif jidher fil-konkluzjoni tal-istess rapport, "il-pulizija (spettur s.Zrinzo Azzopardi) saqsiet lil kweralant jekk kienx fuqil-post meta gara dan fejn hu stqarr li ma kienx fuq il-post hu";

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel erbgha eccezzjonijiet hawn fuq indikati, ma kien hemm l-ebda danni sofferti mir-rikorrenti tant li lanqas biss gie konkluz ftehim f'forma ta' konvenju kif mitlub skont il-ligi bejn l-istess atturi u terzi;

6. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fil-15 ta' Lulju 2019.

Rat illi l-konvenuti naqsu milli jressqu n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom nonostante li ingħatalhom l-opportunità minn din il-Qorti sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**L-Azzjoni Attriċi**.

Ir-rikorrenti kienu propjetarji ta' razzett ġewwa Ħal Lija, liema proprjetà tmiss ma' razzett bir-raba' proprjetà tal-intimati. Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti riedu jbiegħu din il-proprjetà u kien għalhekk li qabdu sensara sabiex tgħinhom isibu l-bejgħ tar-razzett tagħhom. Is-sensara sabet bejgħ tal-imsemmi razzett lura f'Awwissu 2011, tant li kien hemm ftehim verbali li fond

kellu jinbiegħ mill-atturi lil terzi għas-somma ta' seba' mitt elf ewro (€700,000) u kien għalhekk li kien hemm qbil sabiex isir il-konvenju fit-22 t'Awwissu 2011. Ġara iżda li dan il-bejgħ falla. Ir-rikorrenti jgħidu li x-xerrejja prospettivi, il-konjuġi Cassone, ħassru x-xiri minħabba li l-konvenut Paul Caruana kien ikkonfrontahom u "heddidhom li jisparalhom jekk kienu jixtru l-fond". Minħabba dan l-allegat atteġġjament min-naħa tal-konvenut, ir-rikorrenti jisħqu li huma soffrew danni kbar "inkluż it-telf tal-bejgh u t-telf ta' imgħaxijiet fuq is-somma miftehma" u qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huwa responsabbli għat-tħassir tal-bejgħ kif ukoll li jiġi likwidat id-danni sofferti minnhom.

Min-naħa l-oħra l-konvenuti jinnegaw li huma responsabbli għat-telf ta' bejgħ. Jaħilfu li huma qatt ma heddew lil ħadd, tant li lanqas għandhom interess dwar il-proprjetà tal-konjuġi Zammit u dwar jekk isirx o meno xi konvenju fuq dik il-propjetà.

Ikkunsidrat

**Provi**.

Ir-rikorrenti ppreżentaw l-affidavit tas-sensara **Joanna Camilleri**[1] fejn fih l-imsemmija tikkonferma li kienet hi li rrakkomandat ir-razzett ta' Raymond Zammit lix-xerrejja prospettivi Robert u Audrey, tant li kienu marru jaraw il-fond xi darbtejn. Tikkonferma li l-prezz miftiehem bejn Zammit u Cassone kien ta' tlett mitt elf Lira Maltija (sebgħat mitt elf ewro) u li kien hemm qbil li jsir il-konvenju fit-22 t'Awwissu 2011. Hija tgħid li fil-weekend ta' qabel sar il-konvenju, Audrey ċemplitilha irrabjata u imbeżżgħa minħabba li "kien hareg gar tar-razzett u qalilha li min jixtri hawnhekk (jiġifieri l-post ta' Raymond) ser joqtlu jew jisparalu u wara kien ser joqtol lilu nnifsu"[2] u kien għalhekk li ħassret l-appuntament man-nutar. Tkompli tispjega li hija ċemplet lil Raymond Zammit sabiex tinformah b'dak li kien ġara u dan kien qalilha li

[1] Paġna 28 tal-proċess.
[2] *ibid*.

ser jagħmel rapport mal-pulizija. Tgħid li tiftakar li kienet marret l-għassa tan-Naxxar u kienet tat il-verżjoni tagħha.

**Raymond Zammit** ukoll għamel affidavit[3] u reġa' spjega li kienet Joanna Camilleri li laqqgħethu mal-konjuġi Cassone u li kien hemm qbil li l-prezz ikun ta' seba' mitt elf ewro. Jkompli jispjega li huwa ltaqa' ma' Cassone aktar minn darba u l-aħħar darba li ltaqa' magħhom kien is-Sibt u ċioe is-Sibt ta' qabel ma kellu jsir il-konvenju. Huwa jgħid li "l-ghada, il-Hadd, sirt naf li l-koppja regghet marret fuq il-post wahedha, biex jergghu jaraw il-post bil-kwiet. Dan sirt nafu ghax dakinhar cemplitli Joanne Camilleri, is-sensara u qaltli li Robert u Audrey kienu gew konfrontati mill-gar Caruana li kien heddidhom li jisparalhom jekk kienu ser jixtru r-razzett minghandi"[4]. Jgħid ukoll li Cassone ma riedux jersqu għal konvenju minħabba li kienu mbeżżgħin minn Caruana.

Telgħet tixhed il-**Kuntistabbli Leanne Farrugia**[5] li ppreżentat numru ta' rapporti li saru minn Raymond Zammit fil-konfront ta' Paul Caruana kif ukoll rapporti oħra magħmula minn Paul Caruana fil-konfront ta' Raymond Zammit, liema rapporti għalkemm juru li hemm diversi konflitti bejniethom, dawn ir-rapporti m'għandhomx x'jaqsmu mal-każ odjern. Meta ġiet mistoqsija għaliex ir-rapport tat-22 t'Awwissu 2011 ma kienx wieħed mir-rapporti li hija ppreżentat hija spjegat li meta daħlet in-numru tal-karta tal-identità kienu dawk ir-rapporti biss li telagħulha, però kellha terġa' tiċċekkja. Il-Kuntistabbli reġgħet telgħat tixhed u ppreżentat ir-rapport[6] li kien sar minn Raymond Zammit fit-22 t'Awwissu 2011 u tispjega li hija ma ppreżentatx dan ir-rapport peress li kellhom jippreżentawh mill-għassa tan-Naxxar iżda jidher li dawn naqsu milli jagħmlu hekk. Il-kontenut tar-rapport ser jiġi riprodott aktar 'l quddiem.

---

[3] Paġna 33 tal-proċess.
[4] *ibid.*
[5] Xhieda mogħtija fis-27 ta' Frar 2017 – paġna 46 tal-proċess.
[6] Paġna 107 tal-proċess.

Xehed **Paul Caruana**[7] li qal li fuq il-proprjetà ta' Raymond Zammit hemm terran u *swimming pool*. Meta xehed Caruana it-terran ma kienx magħluq. Jgħid ukoll li huwa kien kellem sensar raġel u kien qallu sabiex ma jbiegħx il-biċċa tiegħu. Meta ġie mistoqsi jekk ġiex mitkellem mill-pulizija dwar ir-rapport li kien sar minn Raymond Zammit dwar li kien sfrattalu l-bejgħ tar-razzett, Paul Caruana jgħid li ma jidhirlux li qatt kellmuh pulizija dwar dan.

Fit-3 ta' Mejju 2017 xehdet **Audrey Cassone**, waħda mix-xerrejja prospettivi. Tgħid li hija kienet marret tara proprjetà ta' Raymond Zammit, liema proprjetà kienet tinstab bejn il-Mosta u Ħ'Attard. Tiftakar li dan ir-razzett kien mibni ġdid u kien għadu *shell* u li kellu art miegħu. Tispjega li hija marret mar-raġel tagħha tara r-razzett l-ewwel darba mas-sensara Joanne jew Joanna. Kien insegwietu ta' dan li huma ltaqgħu ma' Raymond Zammit, tgħid li jekk tiftakar tajjeb kien il-Ġimgħa u kien dak inhar li ltaqgħu ma' Zammit li innegozzjaw fuq il-prezz tar-razzett. Tkompli tispjega li kienu għamlu appuntament man-Nutar Malcolm Licari li seta' it-Tnejn ta' wara sabiex isir il-konvenju. Qalet li dan il-post kien miftuħ u kulħadd setgħa jidħol, kien għalhekk li l-għada, is-Sibt, hi u żewġha kienu marru wara nofsinhar waħedhom sabiex ikejlu l-post ħalli jaraw kif ser iqiegħdu l-għamara. Wara li kejlu l-post, tgħid li raw il-garaxx ta' ħdejn ir-razzett li kienu ser jixtru miftuħ u kien hemm in-nies fih, tiftakar żgur li kien hemm raġel kbir fl-età. Tkompli tgħid li marru huma jkellmuhom u jgħidulhom li kienu ser ikunu l-ġara futuri. Tispjega li dan ir-raġel kbir fl-età kien qalilhom li hemm ħafna inkwiet fuq il-post, tgħid li hija kienet qaltlu li huma sejrin joqgħodu hemm għax riedu post għall-kwiet u paċi, tgħid li però kien qalilhom xi ħaġa bħal "jekk tiġu hawnhekk ħajjitkom infern naghmilielkom"[8]. Tgħid ukoll li hija kienet tat il-verżjoni tagħha lill-Pulizija li kienu kkuntatjawha u li l-verżjoni l-aktar preċiża ta' kif ġraw l-affarijiet hija dik mogħtija lill-Pulizija. Meta ġiet mistoqsija x'kien qalilhom aktar Paul Caruana, hija tgħid li minn dak li tiftakar dan kien spjegalhom li kien hemm xi ħitan ħżiena però ma tiftakarx jekk hux għax kienu għoljin jew għax kienu mqiegħda ħażin. Tkompli tgħid li "Fil-bidu kien very kif tgħid, speċi salvaġġ

[7] Xhieda mogħtija fis-27 ta' Frar 2017 – paġna 50 tal-proċess.
[8] Paġna 90 tal-proċess.

il-kelma, jekk tiġu 'l hawn nagħmlilkom ħajjitkom infern, speċi tersqu xejn lil hawnhekk. Biex ngħid kollox imbagħad kienet ħarġet naħseb il-mara tiegħu u hekk u mbagħad bdew ikellmuna iktar bil-kalma. Sa ma tlaqna tawna borża larinġ magħna, jiġifieri ma kienux kontrina, kontra l-fatt illi m'għandniex nixtru hemmhekk. Jiġifieri huma ma kienux qed jheddu lilna li se jagħmlulna xi ħaġa dak il-ħin, imma li kieku xtrajna l-post kienu se jagħmlulna ħajjitna infern"[9] u dan għaliex kien hemm diversi kwistjonijiet fuq il-proprjetà. Tgħid li kienu ċemplu lis-sensara u kienu qalulha li mhux ser jagħmlu l-konvenju.

Fl-istess ġurnata xehed ukoll **Roberto Cassone**[10], ir-raġel ta' Audrey Cassone, fejn huwa kkonferma li lil Raymond Zammit kien jafu għaliex kienu ħa jixtru razzett minn għandu li kien jinstab ġewwa Ħal Lija, limiti Tal-Mirakli. Għalkemm ma jiftakarx kemm-il darba mar jara r-razzett u min kien urihom ir-razzett, jiftakar li bdew jinnegozjaw ma' Raymond Zammit u li kienu qablu fuq prezz. Jiftakar ukoll li hu u l-mara kienu marru jaraw ir-razzett weħidhom sabiex jaraw x'hemm fil-madwar. Jgħid li mal-post kien hemm qisha trejqa li tibqa' dieħla u ssir sqaq u bejn it-triq u l-isqaq kien hemm qisu garaxx li fih kien hemm raġel t'età kbira. Jiftakar li huma marru jgħidulu li ser jixtru l-post ta' ħdejh u dan kien qalilhom li hemm il-problemi dwar xi "perimeter tal-ħajt tas-sejjiegħ"[11]. Jixhed li "uriena biċ-ċar illi dan il-persuna speċi kien għaddej f'nofs kwistjoni mad-developer fuq dan il-ħajt għax il-posizzjoni tiegħu, ma fhimtx eżattament kif u come, li kien ċar huwa li dan kien maħruq, kien miġġieled mad-developer u kien se jibqa' jżomm dik l-attitudni bażikament."[12] Meta mistoqsi kif kien il-komportament ta' dan ir-raġel, huwa jispjega li kien jidher "ċertu nervożismu"[13] u baqa' jsostni l-istess affarijiet u li "ser jibqa' jikkustinja" fuqhom, jgħid li però ma ħebbx għalihom, anzi kien tagħhom borża larinġ. Jispjega li peress li dan ir-raġel wera' li ser jibqa' jinsisti fuq dawn il-kwistjonijiet, huma beżgħu jonfqu ġidhom fuq dak ir-razzett għaliex ma ridux inkwiet. In kontro-eżami Roberto Cassone għal mistoqsija jekk

[9] Paġna 91 tal-proċess.
[10] Paġna 94 tal-proċess.
[11] Paġna 96 tal-proċess.
[12] *ibid.*
[13] Paġna 97 tal-proċess.

Zammit qattx semmielhom li kien hemm xi tilwim rigwardanti l-proprjetà mal-ġirien huwa irrisponda li "le ma niftakarx li qatt semmieli".[14]

Fil-21 ta' Mejju 2018 xehed ir-rikorrent **Raymond Zammit** fejn ippreżenta kuntratt ta' self u kompra-vendita datat 29 t'Awwissu 2017[15]. Minn dan il-kuntratt jirriżulta li r-razzett in kwistjoni għadda għand Carmelo Stivala Trustess Limited versu l-prezz ta' miljun, mija u tletin elf ewro (€1,130,000). Dan magħdud ix-xhud jgħid li huwa biegħ ir-razzett bl-istess prezz li kien ftiehem mal-konjuġi Cassone u ċioe seba' mitt elf ewro (€700,000). Meta mistoqsi in kontro-eżami x'imgħaxijiet kien qiegħed jippretendi huwa qal "ir-rata li tippermettilha l-ligi, mhux bl-8%"[16]. Kompla jispjega li "kieku ghamilt negozju b'dawk is-seven hundred thousand, tajjeb, kelli loan kont naqtghu, u kont naghmel iktar negozju bis-seven hundred thousand f'idejja. Mhux illum. […] Dak iz-zmien, seven hundred thousand kienu two million tal-lum. Ghaliex? Ghax tant in-negozju kien hazin, b'seven hundred thousand dak iz-zmien, kont nixtri, nghidu hames plots, seba' plots. Illum ma tixtrix tnejn bihom. Jigifieri ghaliha huwa danni kbar, ghax kieku dahhalt il-flus dak iz-zmien, mhux illum."[17]

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

***Preskrizzjoni***

L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Caruana taqra li "l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta u dan a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta".

**Artikolu 2153** jipprovdi illi:

---

[14] Paġna 98 tal-proċess.
[15] Paġna 139 tal-proċess.
[16] Paġna 137 tal-proċess.
[17] Paġna 138 tal-proċess.

> L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.

Ma jidhirx li l-konvenuti baqgħu jinsistu fuq din l-eċċezzjoni tant illi ma tresqu l-ebda provi da parti tagħhom sabiex isostnu tali eċċezzjoni u lanqas saret referenza għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni waqt it-trattazzjoni finali. Intqal illi "... ritwalment il-gudikant ma jistax jirricerka *'ex ufficio'* il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni, hekk riservata *'ope legis'* lill-parti interessata biss [...]".**Eden Leisure Group Ltd vs. Korporazzjoni Enemalta** (Ċit Nru 121/2008 RCP) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-25 ta' Marzu 2010.

Inoltre l-atturi resqu l-prova illi huma interrompew it-terminu tal-preskrizzjoni permezz ta' ittra uffiċjali nru 2474/13 preżentata fis-16 ta' Awissu 2013. L-akkadut mertu tal-kawża seħħ fl-20 ta' Awissu 2011 u għalhekk it-terminu preskrittiv ta' sentejn ġie interrott f'Awissu 2013 u l-kawża ġiet intavolata f'Awissu 2014.

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti.

***Mertu***

Fil-kawża odjerna mill-evidenza irriżulta li Raymond Zammit kellu għal bejgħ razzett ġewwa Ħal Lija u li ġar ta' dan ir-razzett huma l-konvenuti Caruana. Irriżulta mill-provi li kien ikun hemm diżgwid kontinwu bejniethom, però ta' interess għal din il-Qorti hija l-allegazzjoni li l-bejgħ lill-konjuġi Cassone ma seħħx lura f'Awwissu 2011 minħabba li kienu mhedda mill-konvenut Paul Caruana.

**Artikolu 562** tal-Kapitolu 12 jipprovdi illi: "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra talliġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallega." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Gunju, 1953 "*ma hux dubitat li r-*

*regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"."*

Mar-rikors promotur ir-rikorrent ippreżenta r-rapport li huwa għamel l-għassa tal-Pulizija ta' Birkirkara li jaqra hekk:

> "Irraporta illum l-ghassa ta' Birkirkara illi hu ghandu farmhousr ghal bejgh ġewwa Triq ta' Seguna Hal Lija u li bejn is-Sibt u l-Hadd li ghadda kien hemm kopja li kienu ser jixtru l-post. Hu stqarr illi il-bierah hu kien irċieva messag minghand is-sensara fejn infurmatu li il-kopja ma kienux ser jiehdu l-post ghax kienu qed jibzghu minn Paul li huwa ġirien ma l-istess post ghal bejgh.
>
> "Il-kwerellant stqarr illi meta l-kopja marru fuq il-post, Paul Caruana beda jhedded li kien ser jaqbad jispara u li wara kien jispara lilu nnifsu. Il-Pulizija saqsiet lil kwerellant jekk kienx fuq il-post meta gara dan fejn hu stqarr li ma kienx fuq il-post hu."

Il-Kuntistabbli Leanne Farrugia waqt ix-xhieda tagħha ippreżentat kopja tar-rapport komplet li jinkludi għalhekk il-verżjonijiet kemm tas-sensara, ta' Paul Caruana kif ukoll ta' Audrey Cassone u minn dawn il-verżjoni jirriżulta s-segwenti:

> "Ghalhekk il-pulizija baghtet ghal kopja Cassone fejn meta gew mitkellma Audrey Cassone stqarret illi s-Sibt li ghadda hi flimkien ma żewġha Roberto u ulieda kienu marru hdejn il-farmhouse u meta waslu raw lil Pawlu Caruana u lil martu ihottu min go van. Hi stqarret illi dak il-hin hi marret biex tintroduċi ruha mieghu bhala il-girien futuri u hekk kif infumrat lil Pawlu li kienet ser tixtri l-post, Pawlu qalla' jekk ma tridux tghixu fl-infern tigux l hawn. Wara il-kopja Cassone saqseh ghala kien qal hekk fejn Pawlu qallhom illi f'dak il-post kien hemm xi hitan li riedu jiċċaqalqu min hemm ghax bla permess u qallhom ukoll illi kien ser jiftah kawża kontra s-sid il-post biex iwaqqalu d-dar. Il-kopja Cassone stqarrew illi Pawlu qallhom ukoll illi mghadux iz-zmien ta Lorry Sant li jaqbdu u jiċċertifikaw

in-nies imgienen biex jehdulhom il-post però f'ebda hin ma gew mheddin min Pawlu Caruana anzi waqt li kien qed ihott il-van mill-hawh, qabad żewġ boroż hawh u tahhomlom. Meta il-kopja gew mistoqsija jekk meta marru fuq il-post u kelmu lil Pawlu kienux wehidhom, huwa stqarrew illi huma kienu wehidhom u meta gew mistoqsija jekk kienx hemm is-sensara maghhom, huwa stqarrew li ma kien hemm hadd maghhom.[18]

"Is-sensara li hija Joanne Camilleri I.D [...] ġiet mitkellma fejn hi stqarret illi l-bierah ghall-habta ta 7.00PM ċempila Robert Cassone u qalla li il-gar ta' hdejn il-farmhouse kien fuq tieghu u beda jparla fuq il-MEPA u qalla li hu kien ghala biebu u qalla ukoll illi kien jaqbad u jibda jispara jekk taqbizlu. Ghaldaqstant il-Pulizija infurmat lil Camilleri illi il-kopja Cassone qatt ma kienu semmew li Pawlu kien ser jispara. Joanne stqarret illi jista jkun ma ftemux sew ghax hi kien jidrilha li kien qalla hekk imma meta il-kopja Cassone regghu gew mistoqsija jekk kienx sar dan it-tip ta theddid huma innegaw.[19]

"L-ispettur S. Zrinzo Azzopardi ġiet infurmata b'dan filwaqt li diversi tentattivi qed issiru sabiex jiġi mitkellem Paul Caruana.

"Illum 23/08/2011 Paul Caruana gie mitkellem fejn hu stqarr illi dak inhar kienet ġiet mara li hija Audrey u saqsietu xi problemi hemm bejnu u bejn is-sid li huwa Raymond Zammit. Hu stqarr illi qalla li hemm hajt tieghu mibni fuq il-proprjeta ta' Paul Caruana. Hu stqarr ukoll illi hi qaltlu illi dawk juenu affarijiet zghar u li nirranġaw fuqa. Dak il-hin hu saqsieha jekk meta kienet ġejja toqghod hemm kienetx ser tnehhilu l-bhejjem li ghandu fejn hi qaltlu li hi thobb il-bhejjem u fil-fatt dahlet ir-razzett tieghu biex tarhom. Wara hu taha ftit hawh. Wara hu qalla illi meta gie Guzeppi taz-Zwiemel li huwa habib ta Raymond u li qabdu Raymond stess bhala bidwi fir-razzett tieghu u qalla li Guzeppi qallu li dan iz-zmien qedin jaghmlu bhal ma kien jaghmel Lorry Sant igifieri li jiehu r-raba u ma jergghux jiehduh

[18] Enfasi miżjud.
[19] *ibid.*

lura. Hu qalla ukoll illi jekk tiehu l-post hi, kollox jirranġaw u stqarr illi dak il-hin hu kien ser ihossu hazin u poġġa mal-art ghax ha pjaċir li kienet ser tiehu l-post Audrey. Wara hu urijha l-appoggi li ghandu jithallas ghalihom u hi riedet tkun taf kemm jiswew u hu qalla illi dawn l-affarijiet irid ikellem lil Perit u jistamahhom hu fejn hi accettat li taghmel hekk. Pawlu stqarr ukoll illi ġurnata ta qabel ġiet tkelmu Audreym ien ra lil gar tieghu maghruf bhala l-Bugann li huwa a jkellmux u rah ikellem lir-ragel ta Audrey u b'hekk kienet ġiet isaqsih x'kien hemm bejnu u bejn sid il-post. Meta Pawlu gie mistoqsi jekk kienx hedded li kien ser jispara jekk taqbizlu u li wara jispara lilu nnifsu, hu innega bil-qawwa kollha".

Minħabba l-konflitt li hemm bejn il-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti u dik mogħtija mill-konvenuti rigward jekk ix-xerrejja prospettivi konjuġi Cassone ġewx mhedda sal-punt li ħassru x-xiri minħabba dak it-theddid, jeħtieġ li qabel xejn issir referenza għal-liġi u l-ġurisprudenza li tirregola l-apprezzament mill-Qorti meta rinfaċċjata b'verżjonijiet tal-partijiet opposti u/jew konfliġġenti għal xulxin. In tema legali dwar l-apprezzament tal-provi fejn tirriżulta konflittwalità fil-verżjonijiet tal-partijiet issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 1966 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:-

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe* vs. Victor Sammut** (App. Ċiv. Nru 1590/2000PS) ikkunsidrat illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi."

Din il-Qorti tqis illi l-verżjoni li tingħata *a tempo vergine* ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex ħafna drabi tingħata f'mument fejn ma jkunx hemm ħin sabiex dak li jkun joqgħod jippjana u jevalwa x'effett ser ikollu jekk jgħid il-verità. Għalhekk insibu ħafna drabi li l-Qrati, fl-evalwazzjoni tal-veraċita o meno ta' verżjoni mogħtija, jagħtu importanza dak li jkun intqal *a tempo vergine*.

Issir referenza għas-sentenza **Michele Lanteri vs. Alan Spiteri** (App. Ċiv. Nru 122/1994) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Jannar 2016 dwar il-valur probatorju ta' dak li jintqal *a tempo vergine*:

> "L-appellant jirritjeni li m'hemm xejn kontradittorju bejn dak li nghad minnu lill-pulizija a tempo vergine u dak li xehed waqt il-proceduri odjerni, li kienet semplicement amplifikazzjoni ta' dak li kellu jghid. Ir-raguni l-ghala il-Qrati taghna dejjem taw piz ghal dikjarazzjonijiet li jsiru a tempo vergine huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta ezaminat id-dikjarazzjonijiet taz-zewg partijiet involuti fl-incident moghtija a tempo vergine, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qeghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni."

Rilevanti wkoll hija s-sentenza **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et** (Ċit Nru 2590/1999 JRM) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-26 ta' Settembru 2013 fejn ingħad

> "Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju [Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Nancy Caruana vs Odette Camilleri** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)]. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "*f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu lebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika*" [P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ċiantar vs David Curmi et** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.6.2006**)]"

F'dan l-istess każ, kompla jingħad:

> "Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka [App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Hans J. Link et vs Raymond Merċieca**]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-

pretensjonijiet tagħha [App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**].”

Ta’ min isemmi wkoll dak ribadit fil-każ **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** (App. Ċiv. Nru 503/2002 PS), deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-12 ta’ April 2007:

“[...] in materja ta’ provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista’ joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, “jista’ jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta” (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta’ l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-

> konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. [...]"

Ikkunsidrat;

Mill-qari tal-premessi tar-rikors promotur, jidher ċar li r-rikorrent qiegħed jibbaża l-isfrattar tal-bejgħ tar-razzett tiegħu lill-konjuġi Cassone fuq allegazzjoni li l-konvenut kien ikkonfronta lill-konjuġi Cassone u li kien "heddidhom li jisparalhom jekk kienu jixtru l-fond" minn għand ir-rikorrent. In vista ta' din il-premessa kien jeħtieġ għalhekk li tinġieb prova inkonfutabbli mir-rikorrent li Paul Caruana kien fil-fatt ikkonfronta lill-konjuġi Cassone u li kien heddidhom li jisparalhom jekk jixtru l-post tar-rikorrenti. Din il-Qorti, qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi dwar id-danni allegatament sofferti, hija sejra teżamina l-provi u tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk ġiex ppruvat li Cassone ġew ikkonfrontati minn Caruana u li dan heddidhom li jisparalhom u li kien minħabba dak it-theddid li ħassru x-xiri.

Ta' importanza bħala valur probatorju huwa l-fatt ippruvat illi ma kienx il-konvenut Caruana li avviċina lix-xerrejja prospettivi Cassone iżda kienu dawn ta' l-aħħar illi meta marru waħedhom fuq il-post fl-assenza tas-sensara u fl-assenza tas-sidien rikorrenti f'din il-kawża, huma raw il-bieb tal-fond tal-intimat miftuħ u minn jheddhom marru iħabtulu sabiex ikellmuh.

> "**Dr Alessandro Lia:** *U mortu biex tarawh ghall-affari taghkom?*
> **Xhud [Audrey Cassone]:** *U kejjilnih kollu fil-fatt jigifieri u mbaghad ahna u hergin indunajna li l-garaxx ta' hdejh kien miftuh u kien hemm in-nies gewwa u morna speci nipprezentaw ruhna, naraw min huma u hekk.*
> **Dr Alessandro Lia**: *Li m'ghandhiex x'taqsam mal-proprjeta' li kontu qed tixtru?*
> **Xhud**: *Le, le, le.*
> **Dr Alessandro Lia**: *The next door property.*

***Xhud**: Ezatt. U morna pprezentajna ruhna, ghidnilhom speci ahna future neighbours, qed nithajjru nixtru l-post ta' hdejkom.*"[20]

"***Dr Alessandro Lia**: Min konna?*
***Xhud [Roberto Cassone]**: Jiena u l-mara.*
***Dr Alessandro Lia**: Ms Audrey Cassone?*
***Xhud**: Audrey Cassone u morna nduru madwar il-post biex naraw x'hemm madwarna, biex inkellmu lil vicinat.*
***Dr Alessandro Lia**: U effettivament x' kien hemm ma' genb il-post tiftakar?*
***Xhud**: Djar kien hemm, ma tantx kien hemm hafna nies imma nzerta li kien hemm din il-persuna ma niftakarx x'jisimha li kien hemmhekk u morna nkellmuh.*"[21]

Jirriżulta migħajr ebda ombra ta' dubju li ma kienx l-intimat li mar fuqhom iżda kienu huma li marru sabiex jintroduċu ruħhom miegħu u jinformawh li kien beħsiebhom jixtru l-proprjeta' adjaċenti għal dik tiegħu. Naturalment dan ġustament għamluh sabiex qabel ma jintrabtu f'konvenju jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni utili inkluż jekk hemmx xi problemi mal-ġirien. In-numru ta' rapporti lill-Pulizija li ż-żewġ partijiet għamlu kontra xulxin huwa evidenza inkonfutabbli tad-disgwid persistenti li kien hemm bejniethom. Apparti dawk ir-rapporti jirriżulta wkoll li nuqqas ta' qbil bejniethom kien ukoll dwar ħitan diviżorji li jifirdu l-immobbli tal-intimat mal-immobbli tar-rikorrenti li Cassone kienu tħajru li jixtru tant li ftehmu mar-rikorrenti fuq il-prezz.

Il-Qorti tosserva illi *a contrario* ta' dak allegat mir-rikorrent Raymond Zammit, mir-rapport surreferit jirriżulta li l-konjuġi Cassone bl-ebda mod ma ġew mhedda minn Paul Caruana li ser jisparalhom jekk jixtru. B'mod deskritt bħala selvagg minn Cassone, l-intimat spjegalhom illi li kien hemm xi problemi dwar xi ħitan tas-sejjieħ li jisseparaw il-proprjetà tiegħu minn dik ta' Raymond Zammit u li ma kienx ħa jħalli dawn il-problemi itiru mar-riħ tant li kien ser iressaq proċeduri kontra Raymond Zammit dwar dawn il-ħitan. Kif

[20] Paġna 90 tal-proċess.
[21] Paġna 95 tal-proċess.

spjegaw il-konjuġi Cassone waqt ix-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti, kien għal din ir-raġuni li qalilhom li jekk ma jridux jgħixu fl-infern l-aħjar li ma jixtrux dan ir-razzett.

Din il-Qorti tqis li waqt ix-xhieda tagħhom il-konjuġi Cassone spjegaw li għalkemm huwa minnu li Paul Caruana kien persistenti dwar il-problemi li kien hemm fuq il-ħitan diviżorji u li baqa' jsostni fuqhom però jispjegaw li huma ma kienux xtraw il-post mhux għax kienu mhedda minn Paul Caruana iżda għaliex kien jidher li hemm pendenzi bejn Raymond Zammit u Paul Caruana u li jekk ser jixtru l-post huma, dawn il-problemi kienu ħa jsibuhom ma' wiċċhom huma. Il-konjuġi Cassone qalu li l-għan tagħhom li jmorru joqgħodu fil-kampanja kien biex ikunu għall-kwiet u l-paċi u rrejalizżaw li jekk sejrin jixtru r-razzett ta' Raymond Zammit altru li minn post għal kwiet huma kienu sejrin jgħixu fl-inkwiet minħabba l-pendenzi li ma kinux ġew riżolti minn Raymond Zammit, pendenzi li Raymond Zammit qatt ma kien informa lil Cassone li jeżistu.

Di più fir-rapport lill-Pulizija magħmul minn Raymond Zammit lura fl-2011, huwa allega li Paul Caruana kien hedded lil Cassone bi kliem li kien ser jisparalhom jekk jixtru r-razzett. Però meta Cassone ġew mistoqsija mill-Pulizija lura fl-2011 jekk dan hux minnu huma nnegaw:

> "[...] il-Pulizija infurmat lil Camilleri illi il-kopja Cassone qatt ma kienu semmew li Pawlu kien ser jispara. Joanne stqarret illi jista jkun ma ftemux sew ghax hi kien jidrilha li kien qalla hekk imma meta il-kopja <u>Cassone regghu gew mistoqsija jekk kienx sar dan it-tip ta theddid huma innegaw"</u>[22]

Irriżulta wkoll li r-rikorrenti ma kienx preżenti meta Cassone kellmu lil Caruana. Ir-rikorrent ipprecipita jintavola kawża fuq il-konsiderazzjoni ta' dak li qaltlu s-sensara. Ma rriżultax li wara l-allegat theddid Raymond Zammit avviċina lill-konjuġi Cassone sabiex jara x'kien qalilhom eżatt Caruana u

[22] Paġni 109 – 110 tal-proċess.

sabiex jispjegalhom il-pendenzi li kien hemm bejnu u bejn Caruana. Kieku mhux minnu li kien hemm problemi serji bejn ir-rikorrenti u l-konvenut li jolqtu ukoll l-immobli li dwaru r-rikorrenti kienu innegozjaw ma' Cassone, wieħed kien jistenna illi ta' lanqas Zammit javviċinhom, itihom il-verżjoni tiegħu u jieħu l-verżjoni tagħhom qabel ma jintavola kawża.

Il-Qorti tqis illi l-bejgħ tal-immobbli ma seħħx mhux għaliex kien hemm xi theddid da parti tal-intimat fil-konfront tax-xerrejja prospettivi, imma għaliex ir-rikorrenti naqsu mid-dover tagħhom li jagħtu l-informazzjoni kollha rilevanti fir-rigward tal-immobbli li kien beħsiebhom ibiegħu. Kienu Cassone li avviċinaw lill-intimat u fetħu konversazzjoni miegħu; naturalment sabiex jakwistaw l-informazzjoni kollha utili għalihom dwar il-ġirien tal-immobbli li kien beħsiebhom jixtru. Il-Qorti zzied tgħid illi f'dik il-konversazzjoni bejn l-intimat u Cassone, l-intimat kien fl-obbligu li jgħarraf lil Cassone bil-problema attwali u mhux jaħbi tali problema biex imbagħad jintavola kawża kontra tagħhom. Il-fatt li dak l-inkontru spiċċa billi l-intimat irregala borża frott lil Cassone hija konferma li, kuntrarjament għal dak allegat mill-atturi, ma sar l-ebda theddid ta' sparar mill-intimat fil-konfront tax-xerrejja prospettivi Cassone.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi

1. Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Caruana;

2. Tilqa' l-eċċezzjoni li permezz tagħha l-konvenut Paul Caruana ċaħad li huwa hedded lil konjuġi Cassone li jisparalhom jekk jixtru l-fond mingħand l-atturi;

3. Konsegwentement tiċħad it-talbiet attriċi;

Tordna li fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**